# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 10 ta' Jannar 2025[1]

**Kawża Nru. 26**

**Rik. Nru. 40/2024 ISB**

**Cetin Sasmaz (detentur ta' Passport Tork Nru. TR-N 250310), kif rapprezentat hawn Malta mill-Avukat Cedric Mifsud (K.I. 196979M) ta' 123, Melita Street, Valletta**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrent **Cetin Sasmaz** tat-23 ta' April 2024 u li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

[1] B'digriet tal-20 ta' Jannar 2025 d-data "2024" ġiet korretta għal "2025"

*Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini Regolament 98 (3) tal-Ligi Sussidjarja Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations:*

*(i) jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta` Masalli Navigation Co. Ltd (C 31798) fir-registru tal-kumpanniji sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma giex mhassar,*

*kif ukoll li :*

*(ii) jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relativi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpanniji, u danakollu taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi r-rikorrenti huwa azzjonista tas-socjeta` Masalli Navigation Co. Ltd (C 31798) registrata fl-indirizz Villa Aurora, 14-16 Princess Elizabeth Street, Ta' Xbiex, Malta liema socjeta ghandha kapital ta' elf u hames mitt dollar Amerikan (US 1,500) maqsum f'hames mitt ishma b'valur ta' tlett dollari Amerikani (USD 3) kull wiehed, kollu mhallas u dan kif jidher mid-dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. A.;*

*Illi l-ishma fis-socjeta Masalli Navigation Co. Ltd huma kollha sskritti f'isem ir-rikorrenti Cetin Sasmaz (detentur ta' Passport Tork Nru. TR-N 250310) residenti AKTUR SİTESİ, B MAHALLESİ VİLLA 197, ATATURK BULVARI 139-147, BITEZ, BODRUM 48470, MUGLA, TURKEY u dan kif jidher mill-istess Dok. A;*

*Illi s-socjeta Masalli Navigation Co. Ltd hija socjeta registrata a bazi ta' l-Artikolu 84Z tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta u hija ntiza biss biex tkun propjetarja ta' bastiment navali;*

*Illi l-isem tas-socjeta Masalli Navigation Co. Ltd, thassar mir-registru tal-Kumpanniji fis-21 ta' Lulju 2023 (Vide d-dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. B.) u dan ai termini Regolament 98 (1) u (2) tal-Ligi Sussidjarja Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations;*

*Illi kif gia gie dikjarat hawn fuq l-iskop principali tal-kumpannija kien biss li tkun sid bastiment navali, liema bastiment, giet trasferit il-*

*barra mill-kumpannija, numru ta' snin ilu, favur terzi persuni. Konsegwentament il-kumpannija llum m'ghandhiex assi f'idejha;*

*Illi fl-ahhar snin r-rikorrent ghadda minn perjodu fejn kellhu diffikultajiet finanzjarji u ghalhekk il-prijorita tieghu kien li juza l-flus tieghu fuq attivitajiet kummercjali ohra. Konsegwentament, ir-rikorrenti bhala Direttur u azzjonista ma kellhux ir-rizorsi necessarji sabiex jmantni s-socjeta Masalli Navigation Co. Ltd;*

*Illi bhala rizultat ta' dan l-istat ta' fatt u peress il-kumpannija ma aderixxietix ma certu obbligi mposti mill-Ligi Sussidjarja Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, ir-registratur hassar l-isem tal-kumpannija mir-Registru.*

*Illi ghalkemm il-kumpannija m'ghandhiex assi f'isimha l-kumpannija trid tistitwixxi proceduri gudizzjarji f'Olanda kontra Bank Olandiz fejn ha jintalbu danni li eventwalment jridu jigi depositati f'isem il-kumpannija. Apparti minn hekk sabiex il-proceduri gudizzjarji jigi sstitwiti l-isem tas-socjeta` Masalli Navigation Co. Ltd jrid jerga' jiddahhal fir-registru tal-kumpanniji sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma giex mhassar.*

*llum l-azzjonist huwa lest sabiex jaghmel dak kollu possibbli sabiex il-kumpannija terga' tigi f'stat ta' 'good standing' u taderixxi mall-obbligi tal-Ligi Sussidjarja Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations.*

*Illi r-rikorrent gia ha l-passi necessarji sabiex jissottometti u jhallas il-kontribuzzjonijiet necessarji tal-'Annual Returns' tal-Kumpannija ghal dawn l-ahhar snin sall-lum.*

*Illi l-obbligu sabiex jigu pprezentati l-'Financial Statements' tal-Kumpannija lir-Registratur giet imposta mis-sena 2020. Ghal dawn l-ahhar snin, l-istess Bank li s-socjeta Masalli Navigation Co. Ltd ser tistitwixxi proceduri gudizzjarji kontriha, ccahdet ir-rikorrenti mill-access ghal kontijiet bankarji tas-socjeta. Bhala konsegwenza l-awdituri tal-kumpannija ma setghux jaghmlu l-'Audited Financial Statements' sabiex jigu sottomessi mar-Registratur.*

> *Illi fic-cirkustanzi ghalkemm l-'Annual Returns' kollha gew sottomessi jaf ikun difficli sabiex jigu sottomessi wkoll il-'Financial Statements' tal-imsemmija socjeta.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 13).

Rat **id-digriet** tagħha tas-26 ta' April 2024 li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-10 ta' Lulju 2024 fid-9:30 a.m.

Rat illi fit-8 ta' Lulju 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 18) bid-dokument hemmhekk anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija Masalli Navigation Co. Ltd (C 31798) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fil-21 ta' Lulju 2003;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligu tagħha illi tibgħat il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali tal-kumpanija, ai termini tal- Merchant Shipping (Shipping Organisations-Private Companies) Regulations. Fil-fatt, l-aħħar prospett annwali li kien ġie sottomess kien dak relatat mas-sena 2013, il-kumpanija ma kellhiex il-kunsens tibqa' tuża l-indirizz reġistrat minn nhar is-17 ta' Frar 2014, filwaqt illi l-kontijiet annwali tas-snin 2020 sal-2022 ma kinux ġew sottomessi;*
>
> *Illi tali nuqqas serju u kontinwu għal diversi snin kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tar-Regolament 98(1) tal- Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha l-ittri relevanti u sussegwentement saru wkoll il-pubblikazzjonijiet skont il-liġi (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'*** *l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur);*
>
> *Illi l-ewwel ittra ntbagħtet lill-kumpanija fl-indirizz reġistrat tagħha, Villa Aurora, 14-16, Princess Elizabeth Street, Ta' Xbiex XBX 1102, Malta, kif ukoll lill-uniku direttur tagħha, is-Sur Cetin Sasmaz fl-indirizz, Korukent Yolu, Buyukhani Sitesi F, Blk No. 7, D4 Levent, Istanbul, Turkey, datati 23 ta' Frar 2023;*

*Illi fit-28 ta' Marzu 2023, ir-Reġistratur bagħatet it-tieni ittra fuq l-istess indirizzi u konsegwentement ai termini tar-Regolament 98(2), ipproċediet bil-pubblikazzjoni ta' avviż fuq website miżmuma minnha u f' gażżetta li toħroġ kuljum. Madankollu fit-terminu preskritt mil-liġi, la l-kumpanija jew id- direttur tagħha u lanqas terzi persuni ma nfurmaw lir-Reġistratur illi kellhom xi nteress illi l-isem tal-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru. Għalhekk l-esponenti mxiet sabiex tħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru b'effett mill-4 ta' Lulju 2023 u mhux fil-21 ta' Lulju 2023, kif ġie dikjarat fir-rikors promotur;*

*Illi kif jidher ċar mill-fatti suesposti, ir-rikorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponenti dwar l-interess illli kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpannja jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi hekk kif ġie dikjarat fir-rikors promotur, l-iskop prinċipali tal-kumpanija kien biss li tkun sid ta' bastiment navali, liema bastiment ġie trasferit 'l barra mill-kumpanija u konsegwentement il-kumpanija llum m'għandhiex assi f'idejha. Illi minkejja dan, il-kumpanija trid tistitwixxi proċeduri ġudizzjarji fl-Olanda kontra bank Olandiż fejn se jintalbu danni li eventwalment iridu jiġu depositati f'isem il-kumpanija u għalhekk kellha ssir din il-kawża sabiex l-isem tal-kumpanija Masalli Navigation Co. Ltd (C 31798) jerġa jitpoġġa fuq ir-Reġistru;*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti Reġistratur tixtieq umilment tissollleva illi jekk fil-proċeduri odjerni, dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun illi l-isem tal-kumpanija Masalli Navigation Co. Ltd (C 31798) jerġa jitpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) kif ukoll tħallas l-ispejjeż ta' reġistrazzjoni pendenti skont il-liġi u dan ukoll sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni;*

*Illi għalhekk ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata mingħajr dewmien u mingħajr il-possibilita' illi kumpaniji illi m'humiex in regola jitqiegħdu fuq ir-Reġistru bla bżonn;*

*Illi l-ammont dovut fuq reġistrazzjoni ta' prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati, jammonta għal* ***EUR 1,000;***

> *Għaldaqstant l-esponenti tixtieq tiddikjara wkoll illi hija lesta illi toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2024, dehru l-Avukat Malcolm Mifsud u l-Avukat Cedric Mifsud għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2024, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi l-pendenzi kollha li kellha s-soċjeta' Masalli Navigation Company Limited ġew regolarizzati.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2024, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 98(4) tal-*Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations* (S.L. 234.42)**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent, jgħid li hu l-azzjonist ewlieni tal-kumpanija **Masalli Navigation Co. Ltd (C 31798)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-28 ta' Ġunju 2023.

Jispjega li hu għandu interess illi l-isem tal-istess kumpanija jerġa' jiħdol fir-Reġistru tal-Kumpaniji stante li l-kumpanija għalkemm m'għandix assi, tixtieq tistitwixxi proċeduri ġudizzjarji fl-Olanda għal irkupru ta' danni sofferti, u f'eventwalita' ta' azzjoni rebbieħa, huwa neċessarju illi l-kumpannija anke jkollha l-kont bankarju fejn jiġu depożitati l-flejjes mirbuħa.

Illi f'dan il-kuntest, ir-rikorrent għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u lest li jagħmel dak kollu neċessarju sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur li tibgħat kontijiet u prospetti annwali u li kien għalhekk illi kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan. Jgħid li din il-Qorti għandha tara li l-pożizzjoni tal-Kumpanija tiġi regolarizzata qabel ma tgħaddi għar-ravvivament tal-istess.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Artiklu 98(4) tal-*Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations* (S.L. 234.42):**

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of this regulation, the court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name be restored to the register, order that such name be restored to the register, and upon an official copy of the order being delivered by the Registrar of Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tar-Regolament appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Masalli Navigation Co. Ltd ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellu r-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrent hekk għamel tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa mid-difensuri tal-partijiet illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja hawn fuq ċitata u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi għanda tgħaddi biex tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex ai termini tal-**Artiklu 98(4) tal-*Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations* (S.L. 234.42),** fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Masalli Navigation Co. Ltd (C 31798)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Masalli Navigation Co. Ltd (C 31798)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-

kumpanija **Masalli Navigation Co. Ltd (C 31798)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**